2 ta' Ottubru, 1954

Imħallef:
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Guido Saliba ne. et. *versus* Anthony Micallef

**Libell — Kritika Letterarja — Ċitazzjoni — Dokumenti — Ġurnal**

*Il-fatt li, f'każ ta' libell, ma tiġix eżibita kopja tal-ġurnal li fih ġie stampat l-artikolu nkriminat, ma jirrendix iċ-ċitazzjoni irritwali. Meta l-artikolista jżomm ruħu fil-limiti li jikkritika l-ġudizzju artistiku jew letterarju, sijo pure b'mod vivaċi, ta' għaqda drammatika, u l-prestiġju tal-produzzjonijiet minnha diretti, dik il-kritika, bħala li hija miżmuma fil-limiti ġusti, ma taqgħax taħt issanzjonijiet tal-liġijiet kriminali; imma jekk l-artikolista jitbiegħed minn dik il-kritika, u jinsinwa li dik l-għaqda qegħedha żżomm monopolju ta' awturi u produzzjonijiet, mhux għal raġunijiet onesti u ta' preġju letterarju, imma għal raġunijiet diżonesti ta' interess pekunjarju, allura l-artikolu huwa libelluż.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-kwerelati ġew akkużati talli fin-numru ta' "The Bulletin" tat-28 ta' Frar, 1953, permezz ta' l-artikolu fil-ħames faċċata ntitolat "More on the Rediffusion", miktub mill-kwerelat Karmenu Gruppetta u ppublikat mill-kwerelat Anthony Micallef, u minnu stampat il-Ħamrun, u hemm u f'postijiet oħra ċirkolat, inġurjaw, fl-aħħar tliet xhur qabel il-kwerela, lill-kwerelanti, f'dawk il-postijiet;

Rat id-deċiżjoni tal-*Qorti Kriminali* tal-*Maġistrati* ta' Malta tal-10 ta' Mejju, 1954, li biha ddeċediet billi sabet liż-żewġ kwerelati ħatja skond l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom, u kkundannat lill-kwerelat Karmenu Gruppetta £5 multa u lill-kwerelat Anthony Micallef £2.10.0 multa, u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu solidarjament mill-kwerelati; u flaħħarnett, fuq talba tal-kwerelanti proprio et nomine, ordnat lill-kwerelant Micallef li, mhux iżjed tard mit-tieni ħarġa tal-ġurnal "The Bulletin" minn mindu tgħaddi in ġudikat din is-sentenza, jippublika *estratt mill-istess sentenza, mingħajr* ħlas;

Rat iż-żewġ sentenzi preliminari, dik ta' l-4 ta' Lulju, 1953, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità taċ-ċitazzjoni opposta mill-kwerelati, u dik tal-21 ta' Settembru, 1953, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni l-oħra tal-kwerelati li l-artikolu denunzjat mhux libelluż;

Rat ir-rikors li bih il-kwerelati appellaw, tant miż-żewġ sentenzi preliminari ta' l-4 ta' Lulju, 1953 u tal-21 ta' Settembru, 1953 rispettivament, kwantu mis-sentenza finali tal-11 ta' Mejju, 1954:

Trattat l-appell tal-kwerelat Micallef, peress li l-appell tal-kwerelat l-ieħor mar deżert (fol. 140);

Ikkunsidrat;

L-appell mis-sentenza preambula ta' l-4 ta' Lulju, 1953, dwar l-irritwalità taċ-ċitazzjoni għax il-ġurnal ma ġiex eżibit kontestwalment magħha, ma hux fondat; u din il-Qorti ssib sewwa r-raġunamenti tal-Qorti ta' l-Ewwel Grad, li huma in armonija mal-prinċipji tal-proċess sommarju;

Ugwalment infondat hu l-appell mis-sentenza tal-21 ta' Settembru, 1953, dwar in-natura libelluża ta' l-artikolu. Kieku l-artikolista żamm ruħu fil-limiti li jikkritika l-ġudizzju artistiku jew letterarju tal-Malta Drama League u l-preġju tal-produzzjonijiet diretti minn dik il-League, allura ċertament kritika tali, miżmuma fil-limiti ġusti, ma kienetx, bl-ebda mod, taqa' taħt is-sanzjoni tal-liġijiet kriminali. Iżda fl-aħħar parti ta' l-artikolu l-awtur tiegħu qal hekk: "I know that the Malta Drama League (or should it read "Clique"?) have a long-term contract with the Management, and are receiving for each theatrical broadcast from ten to eight pounds. What do you make of it? ...... Are we going to tolerate this monopoly and such a low standard of performances?";

Meta wieħed jirrifletti fuq dawn il-kliem kontra l-isfond ta' l-artikolu kollu, ma jistax ma jiġix għall-konklużjoni li għaliha ġie l-Maġistrat deċident fl-ewwel istanza. Infatti, b'dawk il-kliem l-artikolista tbiegħed minn kritika purament artistika, sija pure vivaċi, imma in sostanza insinwa illi l-Malta Drama League kienet qegħdha żżomm monopolju ta' awturi u ta' produzzjonijiet, mhux għar-raġunijiet onesti ta' preġju letterarju, imma għar-raġunijiet diżonesti ta' interess

pekunjarju. U l-artikolista evidentement ried li l-qarrej jinnota l-paragrafu ta' l-artikolu fejn saret din l-insinwazzjoni: għaliex, immedjatament kif għamilha, żied il-kliem, diretti appuntu għall-qarrej, "What do we make of it?", b'żieda ta' puntini wara din id-domanda; liema puntini qieshom iridu jfissru li hemm aktar x'wieħed jgħid li qiegħed ma jgħidx, imma qed jinnota lill-qarrej biex jaħsbu. Din it-taċċja ta' diżonestà hija indubbjament inġurjuża;

Kwantu għas-sentenza finali, tal-11 ta' Mejju, 1954, li biha ġie ritenut li l-kwerelati ma laħqux il-prova tal-verità tal-konvizzju, l-eżami akkurat tal-fatti, perspikaċement magħmul mill-Maġistrat deċident, veramenł iwassal għall-konklużjoni li din il-prova ma ntlaħqetx;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell tal-kwerelat Micallef mit-tliet sentenzi fuq imsemmija, u tikkonferma l-istess sentenzi; bl-ispejjeż kontra l-kwerelat;

Onorarju tad-difensuri 12s. għal kull seduta.

---